MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Numru 3/2014

Il-Pulizija

(Spettur Trevor Micallef)

vs

Josef Xerri

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 460594 (M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Jannar 2014 bejn l-4.30am u l-5.30am:

Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita kompetenti.

U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PS 430 Andrew St John, persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubblilku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita kompetenti.

U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

U iktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu.

U iktar talli fl-isess data, lok, hin u cirkostanzi, rrifjuta li jaghti, ta' falz lil ufficjali pubblici jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra.

U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu ghamlu d-dmirijiet taghhom.

U iktar talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data u cirkostanzi rrenda ruhu ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

U iktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi, kkommetta reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qrati ta' Malta, datata 9 ta' Frar 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

U iktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi, kiser il-provvediment ta' Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, meta nhar is-17 ta' Jannar 2013 kien instab hati mill-Qrati ta' Malta u gie kkundannat ghal liberta bil-kundizzjoni li ma jikkommetti ebda reat iehor matul il-perjodu ta' sentejn, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni, f'liema insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat

L-imputat hu mixli bi ksur tal-Artikolu 96, 221, 95, 338 (dd), 338 (ff), 338 (ee), 49 u 50 u 28A u 28B tal-Kap 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap 446.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ssibu u tiddikjarah hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Malgrad din l-ammissjoni, l-imputazzjoni li huwa ghamel reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, tali sentenza ma gietx esebita u kwindi l-Qorti ser tastjeni li tikkunsidraha;

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi fuq citati wkoll l-Artikolu 17(b) (d) u 31 tal-Kap 9, tikkundannah ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------